



Brussell, 18 ta' Marzu 2026
(OR. en)

06190/26

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0313(APP)

ECOFIN 180
UEM 75
ECB
EIB

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE)
Nru 332/2002 fir-rigward tal-arranġamenti ta' finanzjament u l-użu ta'
strateġija diversifikata ta' finanzjament

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002
fir-rigward tal-arranġamenti ta' finanzjament
u l-użu ta' strateġija diversifikata ta' finanzjament**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 352 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew²,

Filwaqt li jaġixxi f'konformità ma' proċedura leġislattiva speċjali,

¹ L-Approvazzjoni ta' ... (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

² L-Opinjoni tat-18 ta' Novembru 2025 (ĠU C, C/2025/6772, 23.12.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/6772/oj>).

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002³ jistabbilixxi faċilità ta' għajjnuna finanzjarja għal żmien medju li tippermetti li jingħata self lil Stat Membru wieħed jew aktar li ma adottawx l-euro u li qed jesperjenzaw, jew huma mhedda serjament b'diffikultajiet fil-bilanċ tal-pagamenti kurrenti jew fil-movimenti tal-kapital tagħhom.
- (2) Wara l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 332/2002, il-Kummissjoni ġiet awtorizzata timplimenta metodu ta' finanzjament differenti mill-metodu previst bħalissa fir-Regolament (KE) Nru 332/2002 biex tiffinanzja programmi ta' assistenza finanzjarja. L-Artikolu 224 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ (ir-"Regolament Finanzjarju") jipprevedi l-implimentazzjoni ta' strateġija diversifikata ta' finanzjament. Dak il-metodu ta' finanzjament jippermetti lill-Kummissjoni tiddiżakkoppja l-mument u l-maturità tat-tranżazzjonijiet ta' finanzjament uniċi mill-iżborżi lill-benefiċjarji. Aggregazzjoni komuni ta' likwidità ffinanzjata mill-ħruġ ta' finanzjament fuq żmien qasir tippermetti lill-Kummissjoni torganizza pagamenti indipendentement mill-mument eżatt tal-ħruġ ta' bonds fit-tul.

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajjnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri (ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2002/332/oj>).

⁴ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

- (3) Ir-regoli dwar l-istrateġija diversifikata ta' finanzjament stipulati fir-Regolament Finanzjarju ma japplikawx għall-programmi ta' assistenza finanzjarja li għalihom l-atti bażiċi daħlu fis-seħħ qabel id-9 ta' Novembru 2022. Peress li r-Regolament (KE) Nru 332/2002 la daħal fis-seħħ u lanqas ma ġie emendat f'dik id-data jew wara, jeħtieġ li jiġi emendat biex tiġi estiża l-applikazzjoni tal-istrateġija diversifikata ta' finanzjament għar-Regolament (KE) Nru 332/2002. It-tranżizzjoni lejn strateġija diversifikata ta' finanzjament tkun teħtieġ ukoll it-tneħħija ta' ċerti dispożizzjonijiet mir-Regolament (KE) Nru 332/2002 biex jiġi żgurat l-allinjament tal-qafas legali tiegħu ma' dan il-metodu ta' finanzjament ġdid.
- (4) L-istrateġija ta' finanzjament diversifikata toffri diversi vantaġġi fuq il-metodu ta' finanzjament skont ir-Regolament (KE) Nru 332/2002. B'mod speċifiku, din tevita l-hteġa li l-Kummissjoni tikkuntratta self fuq is-swieq tal-kapital jew ma' istituzzjonijiet finanzjarji f'kundizzjonijiet volatili jew ħżiena għal skopijiet ta' finanzjament ta' programmi ta' assistenza finanzjarja. Barra minn hekk, tippermetti lill-Kummissjoni tikkonsolida l-ħtiġijiet finanzjarji ta' għadd ta' programmi ta' assistenza finanzjarja, u b'hekk tissimplifika l-ġestjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament, tnaqqas il-kostijiet u tevita l-frammentazzjoni tat-titoli ta' dejn tal-Unjoni.
- (5) Peress li l-assistenza finanzjarja fuq żmien medju lil Stati Membri li għaddejjin minn diffikultajiet, jew mhedda serjament minnhom, fil-bilanċ tal-pagamenti kurrenti tagħhom jew fil-moviment tal-kapital skont ir-Regolament (KE) Nru 332/2002 spiss tiġi zborzata f'kundizzjonijiet tas-suq volatili u ħżiena, jenħtieġ li l-arranġamenti ta' finanzjament għall-użu tal-faċilità stabbilita minn dak ir-Regolament jiġu emendati fid-dawl tal-esperjenza miksuba u l-vantaġġi sinifikanti tal-istrateġija diversifikata ta' finanzjament meta mqabbla mal-metodu ta' finanzjament back-to-back li kien użat qabel.

- (6) Jenħtieġ li l-ftehimiet ta' self mal-Istati Membri konklużi wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju jkun fihom dispożizzjoni dwar ir-rimborż bikri li trid tiġi eżerċitata wara ftehim reċiproku dwar il-kundizzjonijiet.
- (7) Minħabba li l-oġġettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-adattament tal-metodu ta' finanzjament fi ħdan ir-Regolament (KE) Nru 332/2002 għall-istrateġija diversifikata ta' finanzjament skont ir-Regolament Finanzjarju, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri peress li jikkonċerna l-finanzjament tal-Unjoni, iżda jista' pjuttost, minħabba l-ħtieġa li l-Unjoni tissellef fuq is-swieq tal-kapital biex tagħti l-assistenza finanzjarja meħtieġa, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-oġġettivi.
- (8) It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ma jipprevedix setgħat, għall-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, għajr dawk skont l-Artikolu 352.
- (9) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 332/2002 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Emendi għar-Regolament (KE) Nru 332/2002

Ir-Regolament (KE) Nru 332/2002 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 1, jitħassar il-paragrafu 2;
- (2) l-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 7

1. Sabiex tiffinanzja self skont il-faċilità għal assistenza finanzjarja għal żmien medju tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa, f'isem l-Unjoni, li tissellef il-fondi meħtieġa fuq is-swieq kapitali jew mingħand istituzzjonijiet finanzjarji f'konformità mal-Artikolu 224 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.
2. Minbarra d-dispożizzjonijiet meħtieġa mill-Artikolu 223(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ftehim ta' self għandu jistipula:
 - (a) l-ammont massimu tas-self;
 - (b) il-perjodu ta' disponibbiltà;

- (c) it-tul ta' żmien massimu ta' kull żborż tas-self; u
- (d) it-termini u l-kundizzjonijiet dettaljati tal-assistenza finanzjarja li għandha tiġi pprovduta.

* Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).”.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President